MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1002/2008

**Dolores Jones.**

**-vs-**

**Roland Edward Merington.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-attriċi rikorrenti akkwistat b'titolu assolut il-fond u *ossia maisonette* mibnija fuq parti mill-fond numru 22 li hija sovraposta għal garaxx fi Triq San Piju X, Żejtun, aċċessibbli mill-bieb mingħajr numru jismu *Joetes* li llum iġib in-numru 35, Triq San Piju X, Żejtun, u dan skond kuntratt pubbliku pubblikat min-Nutar Dr. Carmel Gafa ta' l-20 ta' Marzu, 2003;

2. Illi r-rikorrenti kienet f'relazzjoni ma' l-intimat Roland Merington u wara li r-relazzjoni tagħha miegħu spiċċat, hija talbitu biex bil-kwiet joħroġ 'il barra mill-fond imsemmi fejn kien qed jgħix magħha, u dan għamlitu saħansitra b'diversi ittri legali fejn *nonostante* dan kollu huwa baqa' jokkupa l-post illegalment meta dan m'għandu l-ebda sehem minnu;

3. Illi minħabba dan l-aġir ta' l-intimat hija minħabba biża' ta' l-istess intimat kellha ssib fond alternattiv fejn qiegħda tħallas kirjiet għoljin sakemm effettivament joħroġ 'il barra minn ħwejjiġha l-intimat li sal-lum wara li avżatu biex joħroġ xhur ilu għadu hemm;

4. Illi fil-fehma ta' l-attriċi rikorrenti, il-konvenut intimat ma għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet ta' l-attriċi.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-konvenut intimat Roland Merington biex jivvaka l-fond minnu okkupat, u *cioe'* 35, Triq San Piju X, Żejtun, fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż, inkluż ta' l-ittra interpellatorja u bl-imgħax legali kontra l-konvenut intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha ta' llum stess.

Billi l-intimat ma deherx il-Qorti;

**Tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------